# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tallum l-Erbgħa 30 ta' April, 2025

**Rikors Ġuramentat nru.: 332/2025 MH**

**Numru: 11**

**Lourdes Vassallo**

**Vs**

**Albert Stagno Navarra**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat datat 2 t'April 2025** fejn ġie premess u mitlub kif ġej:

1. *"Illi r rikorrenti hija sid il-fond konsistenti f'maisonette numerat 104 bl-isem ta' 'Soleado' u garage numru 1, fi triq il-Miżura Swieqi;*

2. *Illi l-intimat qed jiddetjeni l-istess fondi mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;*

3. *Illi l-intimat ġie mitlub permezz ta' ittra uffiċjali lilu notifikata sabiex joħroġ minn l-imsemmija forndi u jirritorna lura l-pussess tal-istess lir-rikorrenti,iżda baqa' inadempjenti;*

4. *Illi r-rikorrenti għandha raġun tifhem illi l-intimat ma' għandux ebda difiża x'jagħmel u għalhekk din il-kawża tista' tinqata bis-sistema tal-giljottina ai termini ta'dak li jipprovdi l-artikolu 167 et seq tal-Kodiċi tal-Procedura Civili;*

*Jgħid għalhekk l-intimat konvenut għaliex ma' għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Taqta u tiddeciedi il-każ ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Proċedura Ċivili, u ċioe' bid-dispenza tas-smiegħ tal-kawża;*

2. *Tiddikjara li l-intimat qed jiddetjeni l-pussess tal-fondi 104 'Soleado' u garage numru 1, fi triq il-Miżura Swieqi mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;*

3. *Tordna lill-intimat sabiex jivvaka l-imsemmija fondi u jikkonsenja l-pussess relattiv lir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju;*

*Bl-ispejjeż u b'hekk l-intimat minn issa jibqa' inġunt għas-subbizzjoni, oltre r-riserva ta' kwalsiasi azzjoni spettanti lir-rikorrenti senjatament dik għad-danni."*

Rat li din hija kawża mitluba ai terminu tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li deher ukoll il-konvenut assistit minn Dr. John Mizzi li ressaq l-eċċezzjoni tal-komodat biex jikkontesta din il-proċedura sommarja.

Semgħat it-trattazzjoni fit-tul fir-rigward.

Għaddiet ukoll biex tisma' lir-rikorrenti bil-ġurament u sarilha d-debita kontro-eżami. Baqgħet soda u insistenti li ma daħħlet f'ebda ftehim ta' komodat mal-konvenut fil-konfront tal-fond de quo.

Għalhekk wara li semgħat it-trattazzjonijiet anke fir-rigward ta' l-elementi fil-konfront tal-Artikolu 1824 tal-Kap 16 u rat li dawn ma jreġġux f'din l-istanza, takkorda t-talbiet kif dedotti u taqta' u tiddeċiedi billi:

1. **Tiddeciedi l-Kawża ai terminu tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tiddikjara li l-intimat qed jiddetjeni l-pussess tal-fondi 104 'Soleado' u *garage* numru 1, fi triq il-Miżura Swieqi mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;**

3. **Tordna lill-intimat sabiex jivvaka l-imsemmija fondi u jikkonsenja l-pussess relattiv lir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju ta' ġimgħatejn millum;**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-konvenut intimat.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep.Reġ**